MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Numru 233/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Camilleri)**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Mustafa Mohamud Mohamed**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Mustafa Mohamud Mohamed ta' sitta u ghoxrin (26) sena, imwieled is-Somalia fit-3 ta' Marzu 1988, iben Muhamud Mohamed u Hikimo Ismail Ahmed, residenti Nru.123, Triq Santa Marija, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 51094(A):

1. Talli fl-1 ta' Marzu 2015, ghall-habta tas-7.45 ta' filghaxija gewwa l-lokalità tal-Marsa, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa fond Nru. 2, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, ghad-dannu tal-familja Vassallo u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu, u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267,269, 270, 280, 281 u 282 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fid-9 ta' Awwissu 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. Talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fis-26 ta' Ottubru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament: il-*personal details form* ta' l-imputat Dok. "A", il-fedina penali tal' -imputat Dok. "B", PCR Person Details form relattiva ghall-imputat Dok. "C", il-kunsens tal-Avukat Generali Dok. "D", vera fotokopja ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mustafa Mohamud Mohamed" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, presjeduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona, fid-9 t'Awwissu 2014 Dok. "E", vera fotokopja ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mustafa Mohamud Mohamed" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, presjeduta mill-Magistrat Doreen Clarke, fis-26 ta' Ottubru 2014 Dok. "F", rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz Dok. "G", Dikjarazzjoni ta' Rifjut Ghall-jedd Ta' Parir Legali Dok. "H" u stqarrija rilaxxjata mill-imputat Dok. "I".

Rat illi l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u rregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni orali dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat**:

L-imputat qed jigi akkuzat: (a) talli fl-1 ta' Marzu 2015, ghall-habta tas-7.45 ta' filghaxija gewwa l-lokalità tal-Marsa, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa fond Nru. 2, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, ghad-dannu tal-familja Vassallo u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu, u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267,269, 270, 280, 281, 282 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fid-9 ta' Awwissu 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula; (c) talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fis-

26 ta’ Ottubru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien jerga’ jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu.

Fid-dawl ta’ tali ammissjoni l-Qorti tiddeciedi bil-mod segwenti, b’dana li ghall-finijiet ta’ piena hadet in konsiderazzjoni kemm in-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u li gew minnu ammessi kif ukoll il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri:
Wara li rat u kkunisdrat l-Artikoli 41, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267,269, 270, 280, 281, 282 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront tieghu u filwaqt li taghzel li tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom saret l-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata bis-sahha tas-setenza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Mustafa Mohamud Mohamed” moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, presjeduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona, fid-9 t’Awwissu 2014, u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 96, 325(b) u 338(bb) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghall-perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija effettiva.m

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront tieghu u filwaqt li taghzel li tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom saret l-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata bis-sahha tas-setenza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Mustafa Mohamud Mohamed” moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, presjeduta mill-Magistrat Doreen Clarke, fis-26 ta’ Ottubru 2014, u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 8(d) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ammontanti ghal €466.00, liema multa ghandha tithallas fi zmien xahar minn meta l-imputat jiskonta l-piena ta’ prigunerija imposta fuqu b’din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk iridx li jinghata kopja tas-sentenza f’lingwa li jifhem, ossia fil-lingwa Somala, izda l-imputat iddikjara li jirrinunzja ghal tali dritt peress illi huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li nghatatlu tas-sentenza fil-hin li nqrat fil-Qorti bil-miftuh.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------